IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI TAT-TAXXA (NIT)

Karta ta' Informazzjoni tal-Pajjiż: Il-Belġju (BE)

1. Struttura tan-NIT

Format	*Spjegazzjoni*	*Kumment*
99999999999	11-il ċifra	Għall-iskopijiet ta' pproċessar tal-IT, in-NIT għandu jitniżżel bħala blokk ta' 11-il ċifra mingħajr l-ebda punt, spazju, sing jew slash.

2. Deskrizzjoni tan-NIT

Il-Belġju joħroġ NIT li jinġiebu fuq dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali. Fil-każ ta' individwi n-NIT jikkorrispondi man-"Numéro National (NN)", li jingħata meta ssir reġistrazzjoni fir-Reġistru nazzjonali tal-persuni fiżiċi. Dan in-numru ta' identifikazzjoni jikkonsisti minn ħdax-il ċifra u huwa numru uniku ta' identifikazzjoni għal kull persuna rreġistrata.

3. Fejn tista' ssib in-NIT?

In-"Numero National" (NN) jidher fid-dokumenti li ġejjin:

3.1. Karta tal-identità uffiċjali (fuq wara) għal dawk biss li huma ċittadini Belġjani (*Carte d'identité officielle*).

Numéro national (NIT)

Nota: il-karta tal-indentità mhux bilfors li trid tkun tinkludi n-NIT.

3.2. Karta tas-Sigurtà Soċjali (Carte de sécurité sociale (carte SIS))

Numéro national (NIT)

3.3. Karta tar-Residenza u ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-karozza għal residenti barranin fil-Belġju

Dawn id-dokumenti mhumiex dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni, mandankollu jinkludu n-NIT.

Numéro national (NIT)

4. Il-websajt nazzjonali tan-NIT

Tagħrif dwar in-NIT:	http://www.ibz.rrn.fgov.be/fr/registre-national/
Verifika onlajn tan-NIT:	https://www.checkdoc.be/CheckDoc/homepage.do

5. Punt nazzjonali ta' kuntatt dwar in-NIT

Kuntatt:	helpdesk.belpic(at)rrn.fgov.be Tel: +32 (0)2 518 21 16 Fax: +32 (0)2 518 26 16

6. Avviż Legali

L-informazzjoni dwar in-Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) u l-użu tal-modulu onlajn għall-verifika tan-NIT disponibbli fuq dan il-Portal Ewropew tan-NIT Portal, huma suġġetti għal dikjarazzjoni ta' rinunċja, avviż dwar id-drittijiet tal-awtur u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza

Avviż dwar id-drittijiet tal-awtur speċifiku għar-Renju tal-Belġju (2012)

L-użu mill-ġdid tal-informazzjoni li tinsab fil-paġni nazzjonali Belġjani tal-Portal Ewropew tan-NIT hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni Belġjana li tkun fis-seħħ, b'mod partikolari l-Att tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni bħal din irid ikun awtorizzat minn qabel minn min iżomm id-drittijiet tal-awtur.

Skont l-Artikolu 8(2) ta' din l-istess liġi, atti uffiċjali ta' awtorità pubblika ma jolqtux id-drittijiet tal-awtur. Atti uffiċjali ta' awtorità pubblika huma dawk li jkollhom effett legali (liġijiet, proċedimenti parlamentari, deċiżjonijiet ta' qrati u tribunali, eċċ). L-Artikolu 21(1) jiddikjara li 'kwotazzjonijiet meħuda minn xogħol ippubblikat skont il-liġi għal skopijiet ta' kritika, kontroversja, revista jew tagħlim, jew biex jiddaħħal f'xogħol akkademiku, skont il-prassi ġusta tal-professjoni u sa dak il-punt iġġustifikat mill-iskop intenzjonat, ma jiksrux id-drittijiet tal-awtur. Il-kwotazzjonijiet bħal dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti għandhom ikunu akkumpanjati minn referenzi għas-sors u għal isem l-awtur, sakemm dan ma jkunx possibbli'.

Il-paġni tal-Internet li għalihom jirreferu l-paġni nazzjonali Belġjani tal-Portal Ewropew tan-NIT huma soġġetti għall-klawżoli proprji fejn jidħlu d-drittijiet tal-awtur. Il-qrati Belġjani għandhom ġuriżdizzjoni biex jisimgħu kull applikazzjoni li għandha x'taqsam mad-dejta msemmija fil-paġni nazzjonali Belġjani.